**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Inferjuri**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 8 ta' Marzu, 2016**

**Rikors Numru:- 27/2015JVC**

**Wara l-Ittra Ufficjali numru 27/2015 ipprezentata fis-6 ta' April 2015, u li saret bil-procedura kontemplata taht l-artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ismijiet:**

**Bernardette Farrugia kemm f'isimha proprju kif ukoll in rapprezentanza ta'**
**B's Laundry and Dry Cleaning**

**Vs**

**Charmaine Vella bhala rapprezentanta ta' All Season's Holiday Limited**

**U fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Ezekuttiv numru 111/2015 u tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv 110/2015 fl-istess ismijiet fuq premessi pprezentati fil-15 ta' Lulju 2015, u esegwit fil-11 ta' Awwissu u fis-17 ta' Lulju 2015 rispettivament.**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors fejn l-attrici ppremettiet:-

Illi fil-15 ta' Lulju 2015, gew ipprezentati fil-konfront tal-kumpanija All Seasons Holidays Ltd. mandat ta' qbid ezekuttiv u mandat ta' sekwestru ezekuttiv minn Bernardette Farrugia f'isimha kif ukoll in

rapprezentanza ta' B's Laundry and Drycleaning, u dan in ezekuzzjoni ta' l-ittra ufficjali hawn fuq riferita;

Illi l-esponenti trid timpunja dawn l-atti ezekuttivi, kif ukoll l-ittra ufficjali fl-ismijiet premessi ghar-ragunijiet segwenti:

Fl-ewwel lok l-ittra ufficjali *de quo* ma tinkwadrax ruhha fir-rekwiziti rikjesti *ad validitatem* mil-ligi a priori sabiex l-Artikolu 166A ikun jista' jigi applikat, u ghaldaqstant l-intimata ma setghet qatt tadotta dina l-procedura fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti ghad-debitu minnha pretiz. L-artikolu 166A(1) tal-Kap. 12 jaghmilha cara illi kreditur jista' biss jaghmel uzu minn dina l-procedura specjali kemm-il darba d-debitu pretiz ikun wiehed cert, likwidu, u li ghalaq. Illi fil-kaz odjern, il-kreditu vantat mill-intimata fl-ittra ufficjali surreferita la huwa cert, la likwidu, u lanqas dovut. L-intimata kienet konxja tal-fatt li dwar il-kont ipprezentat lill-kumpanija kien hemm nuqqas ta' qbil dwar il-bilanc minhabba li l-prezzijiet applikati ma kienux dawk li gew miftehma bejniethom tant li bejn il-partijiet kien hemm diskussjonijiet ghaddejjin proprju l-ghaliex l-esponenti ma kienitx qeghdha taqbel mal-ammont mitlub, u li d-diskrepanza bejn il-bilanc mitlub u l-ammont ikkontestat kienet wahda sostanzjali. Inoltre kellu jkun hemm aggustament fil-bilanc minhabba hlasijiet zejda li gew mitluba in eccess tar-rati miftehma u *credit note* li baqghet ma tnaqqsitx mill-bilanc mitlub;

L-artikolu 166A jirrikjedi li fl-ittra ufficjali 'ghandu jigi dikjarat b'mod car, taht piena ta' nullita', ir-raguni li fuqha tkun imsejsa t-talba, ir-ragunijiet ghaliex it-talba ghandha tintlaqa', u dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba'. Fl-ittra ufficjali taghha l-intimata nterpellat lir-rikorrenti thallas is-somma ta' €19,579.21 u mmotivat t-talba taghha bil-kelmiet: 'rapprezentanti xoghol ta' Laundry li sar bejn Jannar 2014 sal-24 ta' Frar 2015.' L-ittra ufficjali hi xotta hafna u ma jistax jinghad li fiha 'dikjarazzjoni tal-fatti b'sostenn tat-talba'. Dan ir-rekwizit hu *ad validitatem* u s-sanzjoni hi n-nullita' tal-ittra ufficjali ghall-finijiet tal-Artikolu 166A. Il-kreditur ghandu l-obbligu li fl-ittra ufficjali jaghti bizzejjed taghrif sabiex id-debitur ikun jaf dwar x'hiex jitratta d-dejn mitlub u fl-istess hin ipoggih f'pozizzjoni li jista' jiddeciedi jekk ghandux jammetti t-talba jew jopponiha f'parti minnha biss;

Illi ghaldaqstant hemm lok li l-ittra ufficjali surreferita tigi dikjarata nulla u bla effett fit-termini ta' l-artikolu 166A, u thassar it-titolu

ezekuttiv, liema dikjarazzjoni ghandha necessarjament twassal biex il-mandati ta' qbid ezekuttiv numru 111/2015 u ta' sekwestru ezekuttiv numru 110/2015 ipprezentati t-tnejn fil-15 ta' Lulju 2015, jigu wkoll revokati;

Talbet lil din l-Onorabbli Qorti:

(i) Tiddikjara nulla u bla ebda effett l-ittra ufficjali pprezentata mill-intimati fis-6 ta' April 2015, bin-numru 27/2015 ai termini tal-Artikolu 166A fl-ismijiet premessi, u konsegwentement thassar it-titolu ezekuttiv; u

(ii) Konsegwentement tirrevoka l-mandat ta' qbid ezekuttiv numru 111/2015 u l-mandat ta' sekwestru ezekuttiv numru 110/2015 tal-15 ta' Lulju 2015.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

Rat ir-risposta ta' Bernardette Farrugia kemm f'isimha propju kif ukoll in rapprezentanza ta' B's Laundry and Dry Cleaning fejn eccepiet:

Illi preliminarjament dawn il-proceduri huma nulli stante li gew intavolati quddiem il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Inferjuri mentri l-proceduri mibghuta taht l-artikolu 166A kienu korrettement intavolati quddiem il-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex fil-Gurisdizzjoni Superjuri;

Illi preliminarjament ukoll l-ittra 166A giet reza ezekuttiva u la darba giet intavolata regolarment u giet reza ezekuttiva ma tistax tigi mpunjata. Illi jekk id-debitrici dehrilha li l-ammont ma huwiex cert likwidu u dovut dan kellha taghmlu skont kif kienet avzata taghmlu entro it-tletin gurnata mid-data tan-notifika lilha tal-proceduri fit-8 ta' April.

Illi in oltre r-rekwiziti kollha mitluba taht l-artiklu 166A gew applikati fl-ittra u l-istanti proceduri ma huma xejn hlief tentattiv biex itawwlu l-proceduri gia mibdija fil-mandati ezekuttivi li huma diga' pendenti.

Illi l-mandati ezekuttivi huma validi u ntavolati skont il-ligi.

Ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra taghha.

Rat illi fil-verbal tal-15 ta' Dicembru, 2015 fejn il-Qorti laqghet it-talba ta' Bernardette Farrugia sabiex tizdied l-eccezzjoni:

'fis-sens li t-terminu ta' l-ghoxrin gurnata msemmi fl-artikolu 166A (5) ghadda ferm qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri u ghalhekk ma jistghux jissoktaw u dan stante li l-mandat numru 111/2015 gie notifikat fil-25 ta' Awissu 2015 mentri dan ir-rikors gie ntavolat fid-29 ta' Settembru 2015 u titlob ukoll l-allegazzjoni ta' dan il-mandat 111/2015.'

Rat ix-xhieda, dokumenti u atti kollha esebiti;

Rat l-atti tal-mandat ta' qbid numru 111/2015 fl-istess ismijiet li jirrizulta gie debitament notifikat lir-rikorrenti odjerna nhar il-25 ta' Awissu, 2015;

Rat illi l-artikolu 166 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li jekk ittra ufficcjali notifikata ai termini tal-artikolu 166 A ma tigix debitament attakkata fit-terminu ta' tletin gurnata min-notifika tista' biss tigi attakkata ai termini tas-sub-artikolu 5 tal-istess artikolu 166 A li jipprovdi li din l-azzjoni trid tittiehed *'fi zmien ghoxrin gurnata mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat ezekuttiv jew xi att gudizzjarju iehor imsejjes fuq dak it-titolu.'*

Rat illi ghalkemm it-talba tar-rikorrenti tinkwadra ruhha, jekk pruvata, ai termini tas-sub-artikolu (5) (ii) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jirrizulta li l-mandat ta' qbid ezekuttiv numru 111/2015 mahrug wara l-ittra ufficcjali 27/2015 gie debitament notifikat fil-25 ta Awissu, 2015 filwaqt li dawn il-proceduri gew intavolati fid-29 ta' Settembru, 2015 cioe' oltre t-terminu ta' ghoxrin gurnata mpost fl-istess sub-artikolu.

**Digriet**

In vista tas-suespost, l-Qort tqis li l-eccezzjoni mqajma minn Bernardette Farrugia li r-rikors odjern gie ntavolat oltre t-terminu ta' ghoxrin gurnata mpost fil-ligi ai termini tas-sub-artikolu 5 tal-artikolu 166A Kap.

12 hija gustifikata u ghaldaqstant il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ghajr li tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur